31990R0650

L 71/11 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 17.3.1990

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 650/90
tas-16 ta' Marzu 1990
li tikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana, kif l-aħħar emendata bir-Regolament Nru 323/90 [2], u partikolarment l-Artikolu 9,

Billi sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomeklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa neċessarju illi jkunu adottati miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti li jagħmel referenza għalihom l-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament Nru 2658/87 ipprovda regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha jew in parti bbażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjonijiet addizzjonali għaliha u li hi mwaqqfa b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-ħsieb għall-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu man-negozju ta' oġġetti;

Billi, skond l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu kklassifikata skond il-kodiċi CN xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ipprovduti fil-kolonna 3;

Billi l-Kumitat tan-Nomenklatura ma tax opinjoni fiż-żmien stabbilit mill-President tiegħu, dwar il-prodott Nru 2 fit-tabella annessa;

Billi l-miżuri li huma pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura għar-rigward tal-prodotti Nru 1 u 3 fit-tabella annessa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati fi ħdan in-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċi CN xierqa indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha

Magħmul fi Brussell, fis-16 ta' Marzu 1990.

Għall-Kummissjoni

Henning CHRISTOPHERSEN

Viċi-President


---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 36, tat-8.2.1990, p. 7.


L-ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oggetti	Klassifikazzjoni tal-kodici GN	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Affarijiet li fihom forma ta' kuruna ta' dijametri differenti (7 sa 35 cm) li jikkonsistu f'qasab ta' l-osjier, imqaxxrin u mbagħad mgħawġa u minsuġa (Ara r-ritratt Nru 1) (*)	4602 10 91	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 1 tal-Kapitolu 6 kif ukoll it-testi tal-kodiċi CN 4602 u 4602 10 91. L-oggetti ma jistgħux ikunu kklassifikati f'Kapitolu 6 peress illi ma jaderixxux mar-rekwiżiti tan-Nota 1 għal dan il-Kapitolu.
2. Żraben ta' l-isport (buwts) bil-pett ta' barra tal-gomma u ta' fuq totalment ta' materjal tad-drapp fuq hiex ikunu meħjutin biċċiet ta' ġilda u biċċiet ta' drapp dekorattiv miksi bil-plastik meħjutin esternalment. Kisja tal-ġild ta' madwar 59 % ta' arja superfiċjali esterna, filwaqt illi l-materjal tad-drapp ikopri madwar 41 % (Ara ritratt Nru 2) (*)	6404 11 00	Il-klassifikazzjoni hi stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Noti 3 u 4 (a) u s-Subtitolu Nota 1 (b) tal-Kapitolu 64 kif ukoll it-testi tal-kodiċi 6404 u 6404 11 00. Fil-fatt, ma jitteħidtx kont ta' dawk il-partijiet ta' ġilda jew plastik li jkunu accessorji jew rinforz, l-arja tal-materjal tad-drapp tippredomina.
3. Folja ta' ħġieġ impinġi, ta' forma rettangolari (li tinkludi kaxxa) magħrufa bħala "ħġieġ ta' l-ortikoltura", li wieħed mix-xfar ikun sempliċiment illixxat u li normalment ikun użat fil-bini ta' *greenhouses*	7004 90 70	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u t-testi tal-kodiċi CN 7004 u 7004 90 70. L-oġġetti ma jistgħux ikunu kklassifikati taħt is-subtitolu 7006 00 90 peress li huma ma nħadmux fi ħdan it-tifsir ta' dak is-subtitolu. L-illixxar li jkun sar fuq wieħed mix-xfar huwa mingħajr xi sinifikat reali min naħa tekniku u ekonomiku u għalhekk ma jbiddilx il-karattru ta' l-oġġetti kif speċifikat taħt B. tan-Nota Spjegattiva tas-Sistema Armonizzata għall-Intestatura 7006.

(*) Ir-ritratti huma ta' natura purament illustrattiva.



Ritratt Nru 1



Ritratt Nru 2

Il-partijiet A, B, C, E u F huma tal-ġild.

Il-parti D hija tad-drapp